



Dokument ta' sessjoni

B8-0222/2018

17.4.2018

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

Philippe Loiseau, Jacques Colombier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-kriżi attwali qed iddgħajjed ħafna lill-bdiewa Ewropej;
- B. billi l-Unjoni Ewropea qed tipprova tappoġġja lill-bdiewa permezz ta' diversi politiki u fondi biex jappoġġjawhom kif ukoll biex jindirizzaw l-isfidi ekonomiċi, ambjentali u soċjali;
- C. billi dan l-appoġġ qed jingħata permezz tal-iżvilupp rurali, it-tieni pilastru tal-PAK, iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), b'baġit ta' EUR 100 biljun għall-perjodu 2014-2020;
- D. billi fil-Programm għall-Iżvilupp Rurali, insibu azzjonijiet bil-għan li jtejbu l-integrazzjoni tal-migranti u għaldaqstant ibiddu l-oġettiv primarju tal-FAEŻR li l-agrikoltura ssir aktar ġusta, aktar ekoloġika u aktar effiċjenti;
 1. Jitlob li jsir rendikont finanzjarju tal-fondi użati għall-politika rurali bil-għan li tiġi ġestita l-kriżi tal-migrazzjoni;
 2. Jitlob li l-fondi kollha ddedikati għall-iżvilupp rurali jkunu orjentati biss lejn azzjonijiet li jirriflettu l-għanijiet ewlenin tal-FAEŻR;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.